# Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K1/2024

NR 099/2024 Data tal-Ħruġ: 29 ta' Mejju 2024 Data tal-Għeluq: 24 ta' Mejju 2024

*Stimi proviżorji juru li l-Prodott Domestiku Gross (PDG) għall-ewwel kwart tal-2024 laħaq l-€4.9 biljuni, żieda ta' €380.9 miljun, jew 8.4 fil-mija, meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023. F'termini reali, il-PDG tela' b'4.6 fil-mija.*




Fl-ewwel kwart tal-2024, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-ekonomija Maltija rreġistra rata ta' tkabbir pożittiv ta' 4.6 fil-mija f'termini reali, fuq bażi annwali.

Id-deflatur tal-PDG żdied bi 3.7 fil-mija meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Dan huwa tnaqqis ta' 1.1 punti perċentwali meta mqabbel mar-rata sena għal sena li kienet irrekordjata fir-raba' kwart tal-2023.

## Tabella nru 1. Għażla ta' indikaturi

| | | Q1 2023 | Q2 2023 | Q3 2023 | Q4 2023 | Q1 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gross domestic product (nominal) | € 000's | 4,508,819 | 4,794,245 | 5,169,629 | 4,945,078 | 4,889,756 |
| Gross national income (nominal) | € 000's | 4,160,340 | 4,317,019 | 4,739,355 | 4,471,246 | 4,463,760 |
| Gross domestic product (deflator) | 2015=100 | 121.27 | 124.70 | 126.37 | 126.12 | 125.72 |
| Gross domestic product per capita (nominal) | € | 8,265 | 8,767 | 9,417 | 8,952 | 8,787 |
| Gross national income per capita (nominal) | € | 7,626 | 7,894 | 8,633 | 8,094 | 8,021 |

## Ċart nru 1. Il-Prodott Domestiku Gross

Ir-rata tat-tkabbir f'termini reali fuq bażi annwali




**Il-PDG mill-aspett tal-produzzjoni**

Il-PDG jitkejjel billi jingħadd il-Valur Miżjud Gross (VMG) tal-ekonomija mad-differenza bejn it-Taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti. Il-VMG huwa d-differenza bejn il-produzzjoni u l-konsum intermedju ta' kull attività tal-ekonomija.

Matul l-ewwel kwart tal-2024, il-VMG kiber bi 3.3 fil-mija f'termini reali meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023.

Kemm is-Servizzi (Taqsimiet tan-NACE minn G sa U) kif ukoll l-Industrija (Taqsimiet tan-NACE minn B sa F) irreġistraw kontribut pożittiv għar-rata tat-tkabbir tal-VMG f'termini reali bi 3.1 u 0.2 punti perċentwali, rispettivament. L-Agrikoltura u s-sajd (Taqsima tan-NACE A) kellha impatt newtrali fuq it-tkabbir tal-VMG.

It-tkabbir fis-Servizzi kien dovut l-aktar għar-rati tat-tkabbir f'dawn l-oqsma: l-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni (5.8 fil-mija), l-Attivitajiet tal-proprjetà immobbli (6.7 fil-mija) u l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (5.0 fil-mija).

## Ċart nru 2. Il-Valur Miżjud Gross

Ir-rata tat-tkabbir f'termini reali fuq bażi annwali




## Tabella nru 2. Il-produzzjoni, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini reali

| | | Q1 2023 | Q2 2023 | Q3 2023 | Q4 2023 | Q1 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gross value added | p.p. | 6.6 | 6.2 | 4.6 | 5.1 | 3.0 |
| Agriculture and fishing | p.p. | 0.0 | -0.1 | -0.1 | 0.0 | 0.0 |
| Industry | p.p. | 0.4 | 0.8 | -0.1 | 0.8 | 0.2 |
| Services | p.p. | 6.3 | 5.4 | 4.8 | 4.3 | 2.8 |
| Taxes less subsidies on products | p.p. | -0.3 | -1.2 | 2.6 | -0.7 | 1.6 |

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.

**Il-PDG mill-aspett tan-nefqa**

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll billi jingħaddu flimkien in-Nefqa fuq il-konsum finali, il-Formazzjoni ta' kapital gross, u l-Esportazzjoni netta.

Id-domanda domestika kellha sehem pożittiv ta' 1.1 punti perċentwali fuq ir-rata tat-tkabbir tal-PDG f'termini reali meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Id-domanda esterna kellha sehem pożittiv ta' 3.5 punti perċentwali.

Fl-ewwel kwart tal-2024, in-Nefqa fuq il-konsum finali kibret bi 2.1 fil-mija f'termini reali. Dan kien dovut l-aktar għaż-żidiet ta' 3.7 fil-mija u ta' 4.0 fil-mija fin-nefqa tal-Households u tal-NPISHs[1], rispettivament. Għall-kuntrarju ta' dan, in-nefqa tal-konsum finali tal-Gvern Ġenerali naqset b'1.7 fil-mija.

Il-Formazzjoni ta' kapital fiss gross naqset b'0.9 fil-mija f'termini reali.

F'termini reali, l-esportazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi żdiedet bi 3.6 fil-mija, filwaqt li l-importazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi żdiedet b'1.8 fil-mija.

[1] Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi

## Ċart nru 3. In-nefqa, il-fatturi ewlenin tagħha

Ir-rata tat-tkabbir f'termini reali fuq bażi annwali




## Tabella nru 3. In-nefqa, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini reali

| | | Q1 2023 | Q2 2023 | Q3 2023 | Q4 2023 | Q1 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Final consumption expenditure | p.p. | 3.6 | 2.8 | 4.1 | 4.5 | 1.3 |
| Private | p.p. | 3.5 | 3.0 | 3.4 | 3.3 | 1.6 |
| Government | p.p. | 0.2 | -0.2 | 0.6 | 1.2 | -0.3 |
| Gross capital formation | p.p. | -2.5 | -3.9 | -6.1 | -8.3 | -0.2 |
| Fixed assets | p.p. | -2.6 | -4.1 | -6.0 | -8.3 | -0.2 |
| Inventories and valuables | p.p. | 0.1 | 0.2 | -0.1 | 0.0 | 0.0 |
| Exports of goods and services | p.p. | 16.3 | 19.1 | 11.1 | 11.7 | 6.1 |
| Imports of goods and services | p.p. | 11.0 | 12.9 | 1.8 | 3.5 | 2.6 |

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.

**Il-PDG mill-aspett tad-dħul**

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll permezz tad-dħul, li huwa magħmul mill-Kumpens tal-impjegati, il-Qligħ mill-operat tal-intrapriżi u t-Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta mqabbla mal-ewwel kwart tal-2023, iż-żieda ta' €380.9 miljun fil-PDG f'termini nominali kienet magħmula miż-żieda ta' €185.8 miljun fil-Kumpens tal-impjegati, miż-żieda ta' €87.7 miljun fil-Qligħ mill-operat tal-intrapriżi u l-Introjtu mħallat gross u miż-żieda ta' €107.5 miljuni f'Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

## Ċart nru 4. Il-kumpens tal-impjegati

Ir-rata tat-tkabbir f'termini nominali fuq bażi annwali




## Tabella nru 4. Id-dħul, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini nominali

| | | Q1 2023 | Q2 2023 | Q3 2023 | Q4 2023 | Q1 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Compensation of employees | p.p. | 4.7 | 3.7 | 4.0 | 3.3 | 4.1 |
| Agriculture and fishing | p.p. | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Industry | p.p. | 0.6 | 0.5 | 0.4 | 0.4 | 0.4 |
| Services | p.p. | 4.2 | 3.2 | 3.6 | 2.9 | 3.7 |
| Gross operating surplus and mixed income | p.p. | 6.1 | 7.3 | 5.6 | 5.7 | 1.9 |
| Taxes less subsidies on production | p.p. | 1.5 | -0.2 | 3.4 | 0.4 | 2.4 |

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.

**Id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG)**

Il-DNG huwa kejl differenti mill-PDG minħabba dħul barrani nett relatat mal-Kumpens tal-impjegati, Introjtu mill-proprjetà u Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta jkunu kkunsidrati l-effetti tal-introjtu u t-taxxa mħallsa u rċevuta mir-residenti lejn u mill-bqija tad-dinja, id-DNG f'termini nominali għal-ewwel kwart tal-2024 huwa stmat li ammonta għal €4.5 biljuni.

**Ir-reviżjonijiet ġejjinin**

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika sa jkun qed jagħmel reviżjoni fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali. Ir-reviżjoni sa ssir fit-tielet kwart tal-2024. Ir-reviżjonijiet għandhom l-għan li jirriflettu titjib fil-metodoloġija miġjubin minn tibdil fil-metodi statistiċi, fil-kunċetti, fis-sorsi tad-data, fid-definizzjonijiet u fil-klassifikazzjonijiet u jolqtu s-serje kronoloġika kollha. L-NSO sa jikkomunika aktar tagħrif dwar din ir-reviżjoni fl-Avviż ta' Tagħrif għall-Istampa li ħiereġ fit-3 ta' Ġunju 2024.